

# Ċentinarji u Anniversarji
## *t'interess għall-Qrendi li jaħbtu fis-sena 2008*

**Guido Lanfranco**

### 350 sena ilu (1658)

Inbniet il-knisja tas-Salvatur tal-Qrendi. Kienet waħda mill-knejjes li biha beda jidher aktar l-istil barokk fl-arkitettura f'Malta. Din inbniet bi spejjeż ta' Beneditt Camilleri fuq il-post fejn qabel kien hemm oħra bl-istess titular. Dun Antonio Camilleri kien ukoll benefattur ta' din il-knisja.[1]

Inbniet il-knisja tal-Grazzja minn Angelo Spiteri mill-Qrendi. Jidher li qabel kienet magħrufa bħala tal-Vitorja jew tal-Bambina u kienet issir il-festa fit-8 ta' Settembru.[2]



### 300 sena ilu (1708)

Sa din is-sena kien sar sfond ġdid għall-Kurċifiss ta' l-altar li kien jintuża mis-Sodalità ta' l-Agunija.[3]

### 150 sena ilu (1858)

Il-Madonna dehret f'Lourdes u Dun Pawl Xuereb, wieħed mill-kappillani tal-Qrendi, wara kien introduċa d-devozzjoni lejha meta ġie lura minn hemm fejn kien mar pellegrinaġġ. Issa fil-Qrendi jinstabu niċeċ tal-Madonna ta' Lourdes mad-dar tal-kappillan, mal-Każin Madonna ta' Lourdes, ħdejn il-mitħna u f'kantuniera Triq il-Kbira ma' Triq id-Dejqa. (ara 1958)

F'din is-sena, T.A.B.Spratt, paleontologu, għamel skavazzjonijiet u investigazzjonijiet f'Ħalq is-Sigar, Magħlaq, limiti tal-Qrendi. Hemm sab fdalijiet Kwaternarji t'għadam t'ippopotamu preistoriku. L-osservazzjonijiet tiegħu kien ippubblikahom fl-1867.[4]

### 100 sena ilu (1908)

Twaqqfet is-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi.[5]

### 60 sena ilu (1948)

Il-pittura ta' Giuseppe Calleja li turi lill-profeta David fis-saqaf tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi ġiet restawrata minn Rafel Bonnici Calì.[6]



### 50 sena ilu (1958)

Miet Monsinjur Emanuele Micallef li darba kien kappillan tal-Qrendi mill-1926 sal-1935. Twieled l-Isla imma abita ż-Żejtun. Qabel ma sar kappillan tal-Qrendi kien kanonku tan-Nadur u viċi kappillan iż-Żejtun u San Pawl tal-Belt. Wara l-Qrendi mar kappillan in-Naxxar u sar monsinjur fl-1953.[7]

Il-fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi reġgħet ġiet vitalizzata u ħadet ħajja ġdida bis-saħħa ta' l-avukat Ġużeppi Cassar president tal-Każin Banda Madonna ta' Lourdes. Il-fratellanza kienet ilha bierda għal xi tlieta u tletin sena.[8]

In-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes fuq il-faċċata tal-Każin Banda Madonna ta' Loudes hija l-akbar niċċa b'dan it-titolu li hemm fil-Qrendi. Din ġiet mogħtija indulġenzi fl-1958 mill-arċisqof f'għeluq il-mitt sena mid-dehriet ta' Lourdes. L-istatwa kien ħadimha Antonio Zammit miż-Żurrieq.[9]

**Referenzi:**


1 **De Lucca, Denis f'Ellul Micallef, Roger & Fiorini, Stanley (ed.)** *Collected papers, Collegium Melitense* **(1992) p.253; Ferres, Achille** *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* **(1886) p.494**
2 **Ferres, Achille** *op.cit.* **p.495**
3 **Debono, Sandro fi** *Treasures of Malta* **VI 3 (2005) p.64**
4 **Zammit Maempel, George** *Pioneers of geology* **(1989) p.61**
5 **Grech, Joseph** *Każini tal-baned f'Malta u Għawdex* **(2001) p.290**
6 **Calleja, Joe** *Giuseppe Calleja 1828-1915* **(1992) p.53**
7 **Abela, Joe** *Il-parroċċa taż-Żejtun tul iż-żminijiet* **(2006) p.229-230**
8 **Zammit, Paul fi Schiavone, Michael (ed.)** ***L-istorja tal-każini tal-baned f'Malta u Għawdex II*** **(1998) p.132**
9 **Terribile, Tony** *Niċeċ u statwi fit-toroq Maltin* **(2000) p.165**